**Nru. 323**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 02582/07
Post: Sit f'Ta' Ħabel Lazz, fil-limiti ta' Kerċem (Għawdex)
Proposta: Biex tiġi rijabilitata barriera għall-użu agrikolu

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ngħata lill-Awtorità fis-7 ta' Diċembru 2009 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali limitat li ngħatat fis-16 ta' Jannar 2012.

**No. 323**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 02582/07
Location: Site at Ta' Ħabel Lazz, l/o Kerċem (Gozo)

Proposal: To rehabilitate quarry for agricultural use

The following potential environmental concerns and mitigation measures were identified in the Project Description Statement (PDS) which was submitted to MEPA on 7th December 2009, and in the justification for exemption from a Environmental Impact Assessment (EIA) which was submitted on 16th January 2012.

| **Impatti potenzjali** *Potential Impact* | **Rimarki fuq il-miżuri biex jittaffa l-impatt** *Remarks on mitigation measures* |
|---|---|
| Trabijiet | Se jittieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jitnaqqsu t-trabijiet. It-tqegħid tal-ħamrija se jsir biss bejn April u Ġunju u/jew bejn Settembru u Diċembru, sabiex jiġi evitat is-sajf. Ġranet bix-xita jew mirjieħa se jkunu evitati wkoll. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra li huma *standard* għal dan it-tip ta' żvilupp. |
| *Dust* | *All practical measures will be taken to reduce dust emissions. Deposition of soil will only be carried out between April and June and/or between September and December, thereby avoiding the dry season. Rainy and windy days will also be avoided. Standard permit safeguards will also be adopted.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'barriera u għalhekk mhux mistenni li jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni. |

| | |
|---|---|
| *Noise and vibration* | *The proposed works will be located within a quarry, and thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimize the impact.* |
| Tniġġis tal-ilma | Se jkun meħtieġ permess ambjentali sabiex jiġi żgurat li jintuża biss skart inert meta tintradam il-barriera, biex b'hekk ma jkunx hemm riskji ta' tniġġis tal-ilma. |
| *Water contamination* | *An environmental permit will be required in order to ensure that only inert waste is used for infilling the quarry, thus avoiding risks of water contamination.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Id-9 ta' Marzu, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

9th March, 2012

**Nru. 324**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 324**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard Agency*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Maria Dolores Camilleri | 175469 (M) | *Private Addres:-*<br>42, "Ave Maria",<br>Triq Sant'Antnin,<br>Mosta<br><br>*Business Address:-*<br>"Private Eye",<br>42, "Ave Maria",<br>Triq Sant'Antnin,<br>Mosta |

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Marco Borg | 567565 (M) | No. 15, "Oasis", Triq Anġlu Mallia, Birkirkara |